# BEATI U QADDISIN...SETTEMBRU

SAN GIUSEPPE MARIA DE YERMO Y PARRES - Sacerdot

20 ta' Settembru



GIUSEPPE MARIA YERMO U PARRES twieled gewwa Jalmolonga, provincja u djocesi ta' Toluca, Messiku, fl-10 ta 'Novembru, 1851, wild ta' Emmanuele de Yermo, avukat, u ta 'Maria Giuseppa Parres. Gie mghammed fl-istess jum li fih tweled u moghti l-isem ta' Guzeppi Marija. Fit-30 ta' Marzu 1860 ircieva l-Ewwel Tqarbina.

Fl-1865 beda l-istudji tieghu tal-grammatika Latina, u malajr skopra l-vokazzjoni tieghu ghas-sacerdozju. Fl-età ta' sittax-il sena, fl-1867, telaq mid-dar ta' missieru biex jidhol fil-Kongregazzjoni tal-Missjoni mwaqqfa minn San Vincenz de Paul fil-Belt tal-Messiku. Sfortunatament, is-snin tal-formazzjoni religjuza tieghu u l-istudji filosofici u teologici kienu mfixkla mill-persekuzzjonijiet krudili li nholqu taht il-gvern Juárez. Fil-fatt, is-superjuri tal-Kongregazzjoni tal-Missjoni, sabiex isalvaw il-missjoni taghhom, kienu mgieghla jfittxu kenn u jittrasferixxu studenti u novizzi lejn il-komunitajiet differenti tan-nazzjon Messikan, inkluz iz-zaghzugh Yermo. Fis-sena 1869 huwa mar Parigi u baqa hemm jistudja t-teologija sakemm rega’ mar lura l-Messiku fejn hadem fost diversi missjonijiet ta’ l-arcidjocesi b’entuzjamu kbir.

Din il-hidma appostolika tieghu, madankollu,kienet kawza li jmur lura f’sahhtu; beda jbati minn krizi vokali u l-pulmun. Ghal din ir-raguni, fuq ix-xewqa ta' missieru u bil-kunsens tas-superjuri tieghu, huwa rritorna ghand il-familja, izda baqa' marbut mal-Kongregazzjoni tal-Missjoni u sar familjari mal-arcisqof fl-arcidjocesi tal-Belt tal-Messiku.

Milqugh mill-Isqof tad-Djocesi ta' León, dahal fis-seminarju djocesan biex itemm l-istudji teologici

tieghu b'mod regolari. Wara li temm l-istudji tieghu, gie ordnat sacerdot fl-24 ta' Awwissu 1879 fil-Katidral ta' León. L-ewwel snin tal-ministerju kienu distinti mill-entuzjazmu appostoliku tieghu. Sadanittant, inhatar sottosegretarju u mbaghad, fl-1882, segretarju sostitut tal-Kurja, sakemm, bl-intronizzazzjoni tal-isqof il-gdid, fl-1883, tkecca mill-kariga ta' segretarju.

Imbaghad rega' ddedika ruhu ghall-katekezi tat-tfal u ghal dan il-ghan, fl-1884, ippubblika fil-gazzetta León, El pueblo cattolico , sensiela ta' ittri indirizzati lill-ommijiet Insara dwar l-edukazzjoni tat-tfal fid-dar. Ghal ragunijiet ta' sahha huwa rrinunzja, fl-1884, l-ufficcju ta' sottosegretarju tal-Kurja, u fil-11 ta' April, 1885 l-Isqof il-gdid hatru kappillan ta' zewg knejjes zghar hafna fil-periferija tal-belt: El Calvario u El Santo Niño. Din il-hatra kienet daqqa ta' harta qawwija ghal Yermo, u shabu tawh parir biex jirrizenja, izda Yermo jiddeciedi li jsegwi lil Kristu fl-ubbidjenza, ghax impuls sigriet zammu milli jirrinunzja l-kariga, kif hu stess stqarr aktar tard..

Huwa kien jiehu hsieb il-foqra u tfal abbandunati. Mhux kollox kien jigieh ward u zahar. Imma bil-ghajnuna ta' Alla kien jeghleb kull tfixkil. Huwa ssogra hajtu biex isalva l-vittmi tal-gharghar ta' León, li hakmu din il-belt mit-18 sad-19 ta' Gunju

1888.  Don Giuseppe ghen kif seta lil dawk li kienu qed ibatu l-guh minhabba dan l-incident.

Baqa' maghruf ghal hidma karitatevoli tieghu fit-twaqqif  ta' fondazzjoni ta 'skejjel, sptarijiet, djar ghall-anzjani, orfanatrofji u dar organizzata hafna ghar-rigenerazzjoni tan-nisa. Is-sahha tieghu ddghajfet u miet fl-20 ta' Settembru 1904 f'Puebla de los Angeles.

Fil-21 ta' Mejju 2000, Joseph Maria de Yermo u Parres gie ipproklamat qaddis mill-Papa Gwanni Pawlu II, wara li kien beatifikat fis-6 ta' Mejju 1990 fil-belt tal-Messiku.